Australian Government
Aged Care Quality and Safety Commission

Aged care reforms

# X'inhi is-Serious Incident Response Scheme (L-Iskema ta' Rispons Għal Inċident Serju)?

Informazzjoni għal dawk li jirċievu servizzi ta' kura fid-dar

**1800 951 822**
agedcarequality.gov.au

## Is-Serious Incident Response Scheme (jew SIRS) tgħin biex tnaqqas ir-riskju ta' abbuż u negliġenza għal nies li jirċievu kura tal-anzjani.

Fl-1 ta' Diċembru 2022, is-SIRS ġiet estiża minn kura residenzjali tal-anzjani biex tinkludi kura fid-dar u kura tal-anzjani flessibbli mogħtija f'ambjent tad-dar jew tal-komunità.

## X'għandhom jagħmlu l-provvedituri tas-servizzi fid-dar

Il-provveditur tiegħek għandu jirreġistra, fis-sistema tiegħu tal-imaniġġjar tal-inċidenti, l-inċidenti kollha li jseħħu meta jagħti l-kura u s-servizzi tal-anzjani. Dan jinkludi r-reġistrazzjoni ta' xi inċident li jkun kważi ġara, jew meta xi ħadd jissuspetta li jkun ġara xi ħaġa. Dan sabiex ikunu jistgħu jitgħallmu mill-inċident u jtejbu l-prattiċi tagħhom sabiex l-inċidenti ma jerġgħux iseħħu.

Il-provveditur tas-servizzi tad-dar tiegħek għandu jgħarraf lill-Aged Care Quality and Safety Commission (il-Kummissjoni għall-Kwalità u s-Sigurtà tal-Kura tal-Anzjani) b'ċerti inċidenti rapportabbli li jseħħu waqt li jkun qed iwassallek il-kura u s-servizzi.

Il-Kummissjoni se tiddetermina jekk għandhiex tittieħed xi azzjoni regolatorja.

## X'inhu inċident rapportabbli?

Inċident serju li l-provveditur tiegħek irid jirrapporta lill-Kummissjoni jista' jkun:

- **Użu mhux raġonevoli ta' forza** – bħal daqqa ta' sieq, daqqiet ta' ponn jew immaniġġjar aħrax
- **Kuntatt sesswali illegali jew kondotta sesswali mhux xierqa** – bħal mixi b'mod li jhedded ('stalking'), avvanzi sesswali jew mess sesswali mhux mixtieq
- **Abbuż psikoloġiku jew emozzjonali** – bħall-għajjat, tgħajjir jew li persuna tkun injorata
- **Serq jew sfurzar finanzjarju minn xi impjegat** – bħal serq ta' flus jew pressjoni fuqek biex tagħti l-flus
- **Traskuraġni** – bħal jekk ma tingħatax il-kura li għandek bżonn biex tibqa' tħossok tajjeb
- **Użu mhux xieraq ta' prattiċi restrittivi** – bħall-użu ta' forza fiżika jew medikazzjoni biex tirrestrinġi l-libertà jew il-moviment tiegħek

- **Konsumaturi neqsin** – fejn ir-riċevitur tal-kura ma jkunx jista' jinstab
- **Mewt mhux mistenni** – bħal xi ħadd li jmut bla mistenni minħabba li ma rċeviex kura u servizzi xierqa.

## X'għandi nistenna mill-provveditur tiegħi?

Jekk jiġrilek inċident bħal dan waqt li tkun qed tirċievi l-kura, l-istaff għandom:

- jiċċekkjaw li int tinsab tajjeb, jitkellmu miegħek dwar dak li ġara u jaħdmu miegħek biex issolvu l-kwistjoni
- iżommu rekord tal-inċidenti kollha, fis-sistema tagħhom tal-immaniġġjar tal-inċidenti
- jirrapportaw inċidenti serji lill-Kummissjoni.

## Id-drittijiet tiegħek għall-kura tal-anzjani

Inti għandek id-dritt għal kura sigura u ta' kwalità u li tgħix mingħajr abbuż jew negliġenza. Dejjem tajjeb li titkellem jekk tkun imħasseb dwar xi kwistjoni jew xi inċident.

Kwalunkwe inċident jew tħassib jista' jitqajjem minnek, mir-rappreżentant tiegħek jew mill-istaff tal-provveditur tas-servizzi tad-dar tiegħek. M'għandekx tiġi ttrattat b'mod differenti jekk tqajjem tħassib jew teżerċita xi wieħed mid-drittijiet tiegħek, skont iċ-Charter of Aged Care Rights (il-Karta tad-Drittijiet tal-Kura tal-Anzjani).

## Fejn nista' mmur għall-għajnuna?

Jekk ma tħossokx komdu titkellem mal-provveditur tiegħek jew ma kontx sodisfatt meta għamilt dan, tista' tikkuntattja lill-Kummissjoni jew lis-servizz ta' advocacy għall-għajnuna u s-sapport.

### Aged Care Quality and Safety Commission (Kummissjoni tal-Kwalità u s-Sigurtà tal-Kura tal-Anzjani)

Tista' tqajjem xi tħassib jew tagħmel ilment dwar is-servizzi tal-kura tal-anzjani li tirċievi billi ċċempel lill-Kummissjoni fuq **1800 951 822 (ċempila b'xejn)**. Tista' wkoll tikkuntattjana permezz ta' formola online, email jew bil-posta.

### Servizzi ta' traduzzjoni

Jekk huma meħtieġa servizzi ta' traduzzjoni, ċempel is-Servizz ta' Traduzzjoni u Interpretar (TIS National) fuq **131 450**, u staqsi lill-operatur biex jikkuntattja lilna.

### Older Persons Advocacy Network (OPAN) (Netwerk ta' Advocacy għall-Persuni Anzjani)

Advocate huwa persuna indipendenti li jgħinek tifhem id-drittijiet tiegħek u tappoġġjak biex issolvi t-tħassib tiegħek dwar il-kura tal-anzjani. Jistgħu jgħinuk titkellem mal-provveditur tiegħek dwar xi problema jew biex tressaq xi ilment magħna. Din l-għajnuna b'xejn u kunfidenzjali hija disponibbli mill-Older Persons Advocacy Network (OPAN). Ċempel lil OPAN fuq **1800 700 600 (ċempila b'xejn)** jew żur opan.org.au.

5 ta' Diċembru 2022